# it-Triq

April 2009 — Nru. 351

*ma' KRISTU l-ferħ possibbli*

www.it-triq.org




Dawl kontra dawl
**(Ħsieb fuq il-qoxra ta' barra)**



Kien il-maltemp u ċ-ċpar kien qed jiksi medda kbira fuq il-baħar. Il-kaptan tal-vapur ġie nfurmat b'urġenza li kien hemm dawl ta' vapur ieħor riesaq lejhom. Mill-kalkoli li għamlu l-baħrin, mal-ewwel intebħu li kienu ser jaħbtu ma' xulxin fi ftit tal-ħin ieħor. Għalhekk il-kaptan għamel kuntatt mal-kaptan l-ieħor u ordnalu biex jikkoreġi r-rotta biex hekk tiġi evitata d-diżgrazzja.

Waslet ir-risposta ta' l-ieħor: 'ir-rotta kkoreġieha int'. Il-kaptan xejn m'għoġbitu din ir-risposta. Ħass li kellu jżomm il-punt tiegħu. Għalhekk reġa' tenna l-ordni mill-ġdid sabiex l-ieħor jibdel ir-rotta. Imma għalxejn, għax l-ieħor reġa' tenna ċar u tond li hu mhux ser jagħmel dan.

'Issa żżejjed ħej', beda jirrabja l-kaptan, waqt li qal lill-baħrin tiegħu sabiex igħidu lill-kaptan l-ieħor li hu kien qed jidderieġi l-iktar vapur kbir u lussuż li hawn fid-dinja, u li għalhekk ma kienx xieraq li joqgħod jieħu ordnijiet mingħand l-ebda kaptan ieħor. Għalhekk huwa l-ieħor li għandu jibdel ir-rotta u mhux hu!

Il-messaġġ intbagħat lill-kaptan l-ieħor. U ftit sekondi wara, waslet ir-risposta xotta xotta ta' l-ieħor: 'Sieħbi, tgħid xi tgħid u inti x'inti, ir-rotta jkollok tibdilha int. Jien tal-lighthouse hawnhekk !'

Mhux hekk nagħmlu aħna meta nilagħbu mas-sewwa, mingħalina li aħna xi ħaġa, u li se nġibuha żewġ? Nibqgħu nwebbsu rasna, nibqgħu għaddejjin fir-rotta ħażina li nkunu qbadna, sa ma fl-aħħar naħbtu '*bum*' mar-rejalta' tal-ħajja, dik ir-rejalta' li hija dejjem soda, mingħajr kompromessi … u min taħsbu li jweġġa' …?

---

Din il-ħarġa qed niddedikawha lil ħabiba tagħna li spiss tagħmel offerti għall-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Waqt li nirringrazzjawha, nitolbukom tingħaqdu magħna fit-talb għall-bżonnijiet tagħha u tal-familjari tagħha. Grazzi.

**Id-Direzzjoni**

fuljett
ta' kull xahar
mahrug
minn grupp
ta' talb
fost
Il-Haddiema

Nru. 351
April 2009

# Qawmien

*(Editorjal)*

Il-Għid il-Kbir hu misteru ta' ferħ għall-Knisja Kattoloka, anzi għall-umanita' kollha. Il-Mulej tagħna qam mill-imwiet, u għalhekk rebaħ lill-mewt. Mhux il-mewt biss tiegħu, iżda l-mewt tagħna lkoll.

L-istorja ta' l-umanita' hi ġlieda kontinwa kontra d-dominanza tal-mewt. Iva, il-bniedem, minkejja l-passi kbar li għamel biex jipprova jtawwal il-ħajja, xorta waħda, illum jew għada, irid ibaxxi rasu u jmut.

Il-bniedem qatt ma rnexxielu, u żgur qatt mhu ser jirnexxilu jsib xi rimedju biex ma jmutx. Kulħadd jafu dan. Imma aħna l-insara nafu aktar minn hekk. Aħna nafu li hekk kif Ġesu' miet għalina, hekk ukoll huwa qam mill-mewt għalina lkoll. Mela aħna li mmutu fih, għad nerġgħu nirxuxtaw mill-mewt permezz tiegħu. Hekk ħaġ'oħra!

Għalhekk il-Għid hi ġrajja tassew ta' ferħ kbir għalina; għax peress li nemmnu fi Kristu, nafu li aħna wkoll għad nirbħu miegħu. Għad nirbħu fuq il-mewt tagħna biex ngħixu miegħu għal dejjem. Din hi t-tama u l-fidi sħiħa tagħna fih.

## The List of Life

| | |
|---|---|
| The most useless thing to do | Worry |
| The greatest Joy | Giving |
| The greatest loss | Loss of self-respect |
| The most satisfying work | Helping others |
| The ugliest personality trait. | Selfishness |
| The most endangered species | Dedicated leaders |
| The greatest "shot in the arm" | Encouragement |
| The greatest problem to overcome | Fear |
| Most effective sleeping pill | Peace of mind |
| The most crippling failure disease | Excuses |
| The most powerful force in life | Love |
| The most dangerous pariah. | A gossiper |
| The world's most incredible Computer | The brain ! |
| The worst thing to be without | Hope |
| The deadliest weapon | The tongue |
| The two most power-filled words | "I Can" |
| The greatest asset | Faith |
| The most worthless emotion | Self-pity |
| The most prized possession | Integrity |
| The most beautiful attire | A SMILE! |
| The most powerful channel of Communication | Prayer |
| The most contagious spirit | Enthusiasm |
| The most important thing in life | **GOD** |

---

The most difficult lesson to learn is: which bridge in life to use or which one to destroy.



---

# IL-MATERJAL TAL-BINI

Marija kienet mara armla sinjura ħafna. Kienet toqgħod f'villa sabiħa f'tarf ir-raħal. Kellha serva magħha jisimha Karmena. It-tnejn kienu ftit kbar fl-eta', imma kienu jinġiebu ħafna. Karmena kienet mara tar-ruħ. Moħħha kien li tgħix ħajja tajba bis-smigħ tal-quddies, talb regolari u retta fil-qadi ta' dmirijietha. Marija, pero', minkejja li hi wkoll kienet mara tabja, kienet tħalli l-problemi tal-ħajja jfixkluha milli tinġabar u titlob daqskemm xtaqet.

Għadda ż-żmien, u t-tnejn waslilhom iż-żmien li jtemmu ħajjithom fuq l-art. L-ewwel li mietet kienet Karmena, u din marret tgawdi l-Ħallieq tagħha għal dejjem. Ma għaddiex ħafna żmien li l-mewt żaret lil Marija wkoll. Dehret quddiem il-Mulej u hi wkoll wirtet il-premju tal-Ġenna.

Meta kienet miexja ma' l-anġlu biex tmur fejn ser ikun il-post tagħha, bdiet tara ħafna djar sbieħ. Fejn waħda minnhom rat lil Karmena li selmitilha bil-qalb. Dak il-ħin Marija qalet f'qalbha: "Kemm għandha dar sabiħa, Karmena. Mela ara tiegħi kemm ser tkun isbaħ".

Wara ftit mixi ieħor, waslu f'post fejn id-djar kienu ferm iżgħar. Waqfu fejn dar u l-Anġlu qal lil Marija li dik kienet id-dar tagħha. Hawn Marija nħasdet, daret lejn l-Anġlu u dlonk ilmentat: "Dan mhux sew! Karmena, is-serva tiegħi, toqgħod f'dar sabiħa u kbira, u jien kull ma' għandi dan il-gorboġ".



L-Anġlu weġibha: "Marija, meta kont fid-dinja, int ftit bagħat materjal biex nibniegħlek dar hawn. Filwaqt li Karmena bagħtet kemm felħet materjal biex inkunu nistgħu nibnu dar għaliha hawn".

Huwa fatt, li l-premju tal-ġenna li l-Mulej ħejja għalina, jiddependi fuq kemm nibagħtu materjal – opri tajba – sakemm għadna fid-dinja. Naħdmu bil-qalb biex ikun jimmeritana dan il-premju etern li Alla wiehed lil dawk li jħobbuh.

# Emma

Fil-belt zgħira Ġermaniża ta' Gurk twieldet tifla minn familja nobbli li semmewha Emma. Meta kibret, iżżewġet lill-Konti Gulielmu ta' Friesach-Zeltschach, u kellhom żewġ subien, Gulielmu u Hartwig.

Meta t-tfal għalqu l-eta' ta' 15-il sena, missierhom, biex jedukahom u jdarrihom jerfgħu r-responsabbilta', qabbadhom sabiex jissorveljaw minjiera tad-deheb u tal-fidda li kienet tal-familja. Gara' iżda, li l-ħaddiema li kienu taħt l-għassa ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ, kienu nies ta' kondotta mill-aktar ħażina.

Għodwa waħda, waqt li ż-żewġt aħwa kienu jiddiskutu l-ambjent tax-xogħol, semgħu għajjat u twerżiq. Ġrew biex jaraw x'kien qed jiġri, u jsibu tfajla msejkna li sfat ivvjolentata minn xi ħaddiema. Hekk kif dawn il-ħaddiema għarfu li ż-żewġ żgħażagħ saru jafu x'ġara, beżgħu li issa l-Konti jsir jaf x'għamlu u jkeċċihom.
Għalhekk malajr ħejjew nasba għaż-żewġt'aħwa u qatluhom.

Għal Emma u r-raġel tagħha, din kienet daqqa kbira. Il-missier ħass rimors kbir li dak li ġara kien tort tiegħu, għax qabbad lill-uliedu jidħlu għal dak ix-xogħol. Emma kienet tagħmillu kuraġġ u tħeġġu jmur pellegrinaġġ għal Ruma. Gulielmu qabel ma' l-ideja. Mar Ruma iżda ma reġax lura d-dar. Għax kif kien mifni mill-hemm ta' dik it-traġedja li kienet waqgħet fuq il-familja tiegħu, miet waqt il-vjaġġ lura lejn il-Ġermanja. Emma sabet ruħha waħedha: armla u bla tfal. F'din il-ħajja hi għexet erbgħin sena sħaħ. Ħajja ta' eżempju mill-isbaħ għal kull min kien jafha. Tul dawn is-snin kollha, Emma, bdiet tamministra hi stess b'effiċjenza kbira l-ġid li kellha. Bil-mod il-mod, bdiet tqassam ġidha lill-foqra u lill-opri mmexxija mill-Knisja. Meta mietet fid-29 ta' Ġunju 1045, ma kien fadlilha xejn, kienet qassmet u tat ġidha kollu.

Illum, il-ġisem ta' Santa Emma jinsab fil-kripta tal-Katidral ta' Gurk, il-Ġermanja. Matul is-sena kollha, pellegrinaġġi sħaħ jaslu fuq il-qabar tagħha minn postijiet differenti. Din il-qaddisa għandha devozzjoni kbira fil-Ġermanja, eżatt bħalma għandha Santa Rita fl-Italja. L-isem ta' Emma huwa mill-aktar popolari .

Il-festa tagħha tiġi ċċelebrata fid-19 ta' April.

# Not here, but everywhere !

It was at Easter Time more than two thousand years ago
That a man gave his life to save other men's souls.
For God so loved the world, He gave His only begotten Son
So that His Spirit would dwell within the hearts of everyone.

It was at Easter Time that they crucified our Lord.
They placed His body in a tomb and then closed the door.
After three days from the dead He did rise
And ascended to Heaven up in the sky.

It was at Easter Time that His earthly mission was fulfilled.
He showed us how we should live and the life we should build.
He paid for our sins so that we might be set free.
He did this for us and for all the world to see.

It is at Easter Time that we
remember these gifts He gave;
How wonderful life would be if we
recalled them everyday.

Our burdens would be lighter and
our worries would be few
If the thoughts of Easter would last
the whole year through!





## *Niftakru fit-talb tagħna ...*

... fir-ruħ ta' ELIZABETH CASSAR, li tiġi omm Aldo Cassar li jaħdem fis-Sezzjoni tal-Pitkalija tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura;

... fir-ruħ ta' MARIA GRIXTI, omm Saviour Grixti li jaħdem is-Sezzjoni tal-Pitkalija tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura;

# Ħarsu lejn l-agħsafar ta' l-ajru ...

Rex Smith, ġuvni Amerikan, kien iffissat fuq l-ajruplani. Darba, Rex kien qed itajjar ajruplan żgħir privat, tip "islander", xi elf pied fuq l-inħawi ta' l-għoljiet ta' Feyelleville, Arkansas. Kif għidna, għal Rex it-titjir kien il-passatemp favorit tiegħu. Iżda malajr dan il-ferħ tiegħu inbidel f'anzejtà meta l-viżibilita' ħżienet f'daqqa u ttappnett għal kollox il-ħġieġa ta' quddiemu. Biex tagħqad, dak il-ħin induna li l-boxxla ma kinitx qed taħdem!

Pero' Rex baqa' kalm. Huwa żamm l-ajruplan fl-istess għoli, filwaqt li beda jitlob f'qalbu li minn x'imkien jara xi ħjiel ta' dawl. Dak il-ħin, f'moħħu, ġie l-versett mill-Evanġelju: "Ħarsu lejn l-agħsafar ta' l-ajru...ebda wieħed minnhom ma' jaqa' fl-art mingħajr ir-rieda ta' missierkom. Tibżgħux mela, għax intom tiswew iżjed minn bosta agħsafar". Bla ma jaf kif beda jlissen il-kliem: "Mulej, tħallix dan l-għasfur jaqa' minn dan l-għoli kollu!"

Id-dalma ta' madwaru kienet għadha densa. Iżda xi ħaġa f'qalbu ħeġġitu jibqa' jittama. U fl-aħħar lemaħ roqgħa dawl u bl-ikbar attenzjoni mexxa l-ajruplan lejha. Kienet il-kawża tal-ħelsien tiegħu minn mewt ċerta. Meta Rex Smith rifes l-art, resaq lejn sħabu li kienu anzjużi jistennewh, u wara li qalilhom bil-ġrajja kollha, spiċċa hekk: "Illum sirt naf għaliex fost il-bdoti ma ssibx min ma jemminx f'Alla!"

Storja vera, li turi l-qawwa kbira tat-talb, meta dan isir b' fiduċja sħiħa f'Alla.



## The Family

The ministry of evangelization carried out by Christian parents is original and irreplaceable. It assumes the characteristics typical of family life itself, which should be interwoven with love, simplicity, practicality and daily witness.

In a family which is conscious of this mission, all the members evangelize and are evangelized. The parents not only communicate the Gospel to their children, but from their children they can themselves receive the same Gospel as deeply lived by them.

*(Evangelization in the Modern World)*




---

## Reflection pieces from St. George Preca

### Jesus Christ teaches his disciples:

My child: Before you do anything, get into the habit of checking why you are doing it. This is required so that you will correct yourself as soon as you realize that your intention does not lead to God or to the salvation of your soul.

---

Be prepared.
One who is not prepared to die well,
is in great danger of an unhappy death.

***St John Bosco***

## Enjoy the present

A boat docked in a tiny Mexican village. An American tourist complimented the Mexican fisherman on the quality of his fish and asked how long it took him to catch them.

"Not very long," answered the Mexican.

"But then, why didn't you stay out longer and catch more?" asked theAmerican. The Mexican explained that his small catch was sufficient to meet his needs and those of his family.

The American asked, "But what do you do with the rest of your time?"

"I sleep late, fish a little, play with my children, and take a siesta with my wife. In the evenings, I go into the village to see my friends, have a few drinks, play the guitar, and sing a few songs . . I have a full life."

The American interrupted, "I have an MBA from Harvard and I can help you! You should start by fishing longer every day. You can then sell the extra fish you catch. With the extra revenue, you can buy a bigger boat."

"And after that?" asked the Mexican.

"Then you can buy a second boat and even a third one and so on until you have an entire fleet of trawlers. Instead of selling your fish to a middle man, you can then negotiate directly with the processing plants and maybe even open your own plant. You can then leave this little village and move to a city! From there you can direct your huge new enterprise."

"How long would that take?" asked the Mexican.

"Twenty, perhaps twenty-five years," replied the American.

"And after that?"

"Afterwards? Well my friend, That's when it gets really interesting," answered the American, laughing. "When your business gets really big, you can start selling stocks and make millions!"

"Millions? Really? And after that?" said the Mexican.

"After that you'll be able to retire, live in a tiny village near the coast, sleep late, play with your children, catch a few fish, take a siesta with your wife and spend your evenings drinking and enjoying your friends."

**The moral is: Know where you're going in life...**
**you may already be there.**

# Niżżel fid-Djarju tiegħek



**Il-Ġimgħa, 3 ta' April 2009**
<u>Tifkira tad-Duluri</u>
F'dan il-jum ta' devozzjoni lejn it-tbatija li ġarrbet Ommna Marija waqt il-Passjoni ta' Binha Ġesù, ser ikollna Quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt, fin-12.35pm.
F'dan il-jum infakkru wkoll l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar

**Il-Ġimgħa, 10 ta' April 2009**
<u>Il-Ġimgħa l-Kbira</u>
Infakkru l-ġrajja tal-fidwa tagħna...il-Passjoni u l-Mewt tal-Feddej tagħna Ġesu Kristu;
Hemm l-obbligu tas-sawm u l-astinenza.

**Il-Ħadd, 12 ta' April 2009**
<u>L-Għid il-Kbir</u>
Nifirħu flimkien waqt li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' din l-akbar festa għalina l-Insara: Il-Qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

---

*Hallelujah!!*

Kristu qam mill-mewt kif qal!
Mela nifirħu flimkien,
waqt li minn qalbna nixtiequ li nwasslu
l-isbaħ xewqat għal Għid mimli spirtu nisrani
lilkom Ħbieb, Qarrejja u Benefatturi tagħna.



*Id-Direzzjoni*

# Rokna Cajt

Bejn tnejn li kienu joqogħdu fl-istess lukanda:
'Għaddejtu tajjeb il-lejl Ġuż?'
'Ma nafx, għax kont rieqed.'

Waqt serata:
Magician: 'Nitlob li titla' mara fuq il-palk u nisparixxiha.'
Spettatur, qabeż u qallu: 'Stenna mument ħalli mmur inġib lill-kunjata.'

Wieħed qal lill-ieħor: 'Kif mortu fil-honeymoon?'
L-ieħor: 'Tajjeb ferm grazzi.'
L-ewwel wieħed: 'U fejn mortu sabiħ?'
L-ieħor: 'Jiena mort Ruma u l-mara Pariġi.'



Mara li kellha raġel xħiħ immens, marret id-dar ferħana u qalet lil żewġha: 'Illum irnexxieli niffranka għaxar ċenteżmi, għax flok irkibt tal-linja, ġrejt warajha.'
'Imma kemm inti njoranta', wieġeb ir-raġel. 'Darb'oħra iġri wara taxi u kont tiffranka xi tmien euro!'

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:
Paul Schembri
73 'Terezita', Triq Birbal, Balzan BZN 9015
Tel: 21440384
e-mail: it-triq@camline.net.mt
url: www.it-triq.org